Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

7 ta' Ġunju 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Direttiva 2008/115/KE — Standards u proċeduri komuni għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu irregolarment — Arrest preventiv — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fil-każ ta' dħul irregolari, piena ta' priġunerija — Sitwazzjoni ta' 'tranżitu' — Arranġament ta' ammissjoni mill-ġdid multilaterali"

Fil-Kawża C-47/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (qorti ta' kassazzjoni, Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Jannar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Frar 2015, fil-proċedura

**Sélina Affum,**

vs

**Préfet du Pas-de-Calais,**

**Procureur général de la cour d'appel de Douai,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, M. Ilešič (Relatur), L. Bay Larsen, T. von Danwitz u C. Lycourgos, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, E. Juhász, A. Borg Barthet, J. Malenovský, E. Levits, M. Berger, K. Jürimäe, M. Vilaras u E. Regan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Novembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal S. Affum, minn P. Spinosi, avukat,

— għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas u F.-X. Bréchot, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn M. Michelogiannaki, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

— għall-Gvern Ungeriż, minn M. Tátrai, kif ukoll minn G. Koós u M. Fehér, bħala aġenti,

— għall-Gvern Svizzeru, minn C. Bichet, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Condou-Durande, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-2 ta' Frar 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Sélina Affum, u, min-naħa l-oħra, il-prefett ta' Pas-de-Calais (Franza) u l-prosekutur ġenerali tal-Qorti tal-Appell ta' Douai (Franza), dwar id-dħul irregolari tagħha fit-territorju Franċiż u l-estensjoni tad-detenzjoni amministrattiva tagħha.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 2008/115

3 Il-premessi 2, 4, 5, 10, 17 u 26 tad-Direttiva 2008/115 jistabbilixxu:

"(2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004 sejjaħ għat-twaqqif ta' politika effettiva ta' tneħħija u ripatrijazzjoni, mibnija fuq standards komuni, għar-ritorn ta' persuni b'mod uman u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet fundamentali u tad-dinjità tagħhom.

[...]

(4) Hemm bżonn li jitfasslu regoli ċari, trasparenti u ġusti biex ikun hemm politika ta' ritorn effettiva bħala element neċessarju ta' politika tal-migrazzjoni li tkun ġestita b'mod tajjeb.

(5) Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi sett ta' regoli orizzontali, applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul, soġġorn jew residenza fi Stat Membru.

[...]

(10) Fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni għal xiex wieħed għandu jaħseb li dan ikun se jimmina l-iskop tal-proċedura tar-ritorn, għandu jkun ippreferut ir-ritorn voluntarju aktar milli ritorn bil-forza, u għandu jingħata żmien għat-tluq volontarju. [...]

[...]

(17) [...] Mingħajr preġudizzju għall-arrest inizjali mill-awtoritajiet ta' l-infurzar tal-liġi, irregolat mil-leġislazzjoni nazzjonali, id-detenzjoni għandha bħala regola tkun f'faċilitajiet speċjalizzati għad-detenzjoni.

[...]

(26) Sa fejn dan japplika għal ċittadini ta' pajjiż terz li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul bi qbil mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, din id-Direttiva tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fiha ir-Renju Unit [tal-Gran Brettanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq] mhux se jieħu sehem [...]; barra minn dan, [...] ir-Renju Unit mhux jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhux marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha."

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Suġġett", jipprevedi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment [irregolarment], skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem."

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment [irregolarment] fit-territorju ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

(a) huma soġġetti għal ċaħda ta' dħul, skond l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru;

(b) huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni tal-liġi kriminali, skond il-liġi nazzjonali jew li huma soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni.

[...]"

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Definizzjonijiet" jgħid:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

2) 'soġġorn illegali [residenza rregolari]' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

3) 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz - kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat – għal:

— il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

— pajjiż ta' transitu skond ftehim ta' riamissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

— pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

5) 'tneħħija' tfisser l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru;

[...]"

7 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet aktar favorevoli", jindika, fil-paragrafu (4) tiegħu:

"Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 2 (2)(a) l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li t-trattament tagħhom u l-livell ta' protezzjoni ma jkunx inqas favorevoli minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(4) u (5) (limitazzjonijiet fuq l-użu ta' miżuri koerżivi), l-Artikolu 9(2)(a) (posponiment tat-tneħħija), l-Artikolu 14(1)(b) u (d) (kura tas-saħħa f'emerġenza u b'kont meħud tal-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli) u l-Artikoli 16 u 17 (kondizzjonijiet tad-detenzjoni) u

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement."

8 L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Deċiżjoni ta' ritorn" jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment [jirrisjedi irregolarment] fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5

[...]

3. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għad-deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed joqgħod illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skond ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. F'dan il-każ l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu japplika l-paragrafu 1.

[...]"

9 L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, intitolat "Tluq volontarju", jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tiegħu:

"Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4 [...]"

10 L-Artikolu 8 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Tneħħija", jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jinfurzaw id-deċiżjoni ta' ritorn jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għal tluq volontarju skond l-Artikolu 7(4) jew jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat f'dan il-perijodu għat-tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7.

[...]

4. Meta l-Istati Membri jużaw – bħala l-aħħar possibbiltà – miżuri koerżivi biex iwettqu t-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirreżisti t-tneħħija, tali miżuri għandhom ikunu proporzjonali u m'għandhomx jeċċedu forza raġonevoli. Dawn għandhom jiġu implimentati kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali skond id-drittijiet fundamentali u bir-rispett dovut għad-dinjità u l-integrità fiżika taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat.

5. Meta jwettqu tneħħijiet bl-ajru, l-Istati Membri għandhom iqisu l-Linji Gwida Komuni dwar dispożizzjonijiet ta' sigurtà [...].

[...]"

11 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Posponiment ta' tneħħija", jindika, fil-paragrafu 2(a) tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jipposponu t-tneħħija għal perijodu xieraq, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jieħdu kont ta':

a) l-istat fiżiku jew il-kapaċità mentali taċ-ċittadin tal-pajjiż terz".

12 L-Artikolu 11 ta' din id-direttiva, intitolat "Projbizzjoni fuq id-dħul", jipprevedi, fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew

b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

2. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u fil-prinċipju ma għandux jeċċedi il-ħames snin. [...]"

13 L-Artikolu 14 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Salvagwardji sakemm iseħħ ir-ritorn", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjoni koperta fl-Artikoli 16 u 17, jiżguraw li safejn ikun possibbli jiġu kkunsidrati l-prinċipji li ġejjin fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi matul il-perijodu għal tluq volontarju mogħti skond l-Artikolu 7 u matul perijodi li fihom it-tneħħija tkun ġiet posposta skond l-Artikolu 9:

[...]

b) jingħataw kura tas-saħħa f'emerġenza u trattament essenzjali ta' mard;

[...]

d) jittieħed kont tal-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli."

14 L-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Detenzjoni", jipprevedi:

"1. Dment li ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri oħrajn suffiċjenti iżda inqas koersivi fil-każ speċifiku, l-Istati Membri jistgħu biss iżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz, li hu suġġett għal proċeduri ta' ritorn biex jitħejja r-ritorn u/jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, partikolarment meta:

a) jkun hemm riskju ta' ħarba jew

b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija.

Kwalunkwe detenzjoni għandha tkun għal perijodu kemm jista' jkun qasir u għandha tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta.

[...]

4. Meta jkun jidher li ma għadux jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija għal konsiderazzjonijiet legali jew oħrajn jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għadhomx aktar jeżistu, id-detenzjoni ma tibqax ġustifikata u l-persuna konċernata għandha tkun rilaxxata minnufih.

5. Id-detenzjoni għandha titkompla għal tul ta' perijodu meħtieġ biex il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu sodisfatti u biex tiġi żgurata t-tneħħija b'suċċess. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perijodu limitat ta' detenzjoni, li ma jistax jeċċedi sitt xhur.

6. L-Istati Membri jistgħu ma jestendux [ma jistgħux jestendu] il-perijodu msemmi fil-paragrafu 5 ħlief għal perijodu limitat li ma jeċċedix it-tnax-il xahar oħra skond il-liġi nazzjonali f'każijiet fejn minkejja l-isforzi raġonevoli kollha tagħhom l-operazzjoni ta' tneħħija tista' ddum minħabba:

a) nuqqas ta' kooperazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat, jew

b) dewmien fil-kisba tad-dokumentazzjoni neċessarja minn pajjiżi terzi."

15 L-Artikolu 16 ta' din id-direttiva, intitolat "Kondizzjonijiet tad-detenzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Id-detenzjoni għandha titwettaq bħala regola f'faċilitajiet speċjalizzati ta' detenzjoni. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprovdi akkomodazzjoni f'faċilità speċjalizzata ta' detenzjoni u jkun obbligat jirrikorri għal akkomodazzjoni f'ħabs, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu detenuti għandhom ikunu mifrudin mill-priġunieri ordinarji."

16 L-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva jipprevedi kundizzjonijiet speċjali għad-detenzjoni ta' minuri u ta' familji.

17 Skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri kellhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-imsemmija direttiva sa mhux iktar tard mill-24 ta' Diċembru 2010.

Il-KFS u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen

18 Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU 2000, L 239, p. 19), iffirmata f'Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Ġunju 1990 (iktar 'il quddiem, il-"KFS"), tagħmel parti mill-acquis ta' Schengen.

19 Fit-Titolu II tal-Kapitolu 4 tal-KFS, intitolat "Kundizzjonijiet li jirregolaw il-moviment tal-barranin", l-Artikolu 19(1) u (2), l-Artikolu 20(1) u l-Artikolu 21(1) u (2) ta' din il-konvenzjoni jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li taħthom, rispettivament, il-barranin li għandhom viża uniformi jew viża maħruġa minn waħda mill-partijiet kontraenti, il-barranin li ma humiex suġġetti għall-obbligu ta' viża kif ukoll il-barranin li għandhom permess ta' residenza jew awtorizzazzjoni provviżorja ta' residenza, maħruġa minn waħda minn dawn il-partijiet, jistgħu jiċċaqilqu b'mod liberu fit-territorju tal-partijiet kontraenti. Dawn id-dispożizzjonijiet jirreferu, b'mod partikolari, għal xi wħud mill-kundizzjonijiet għad-dħul f'dan it-territorju stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-KFS.

20 Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1), ikkonsolida u żviluppa l-acquis ta' Schengen.

21 Skont il-premessa 27 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, dan "jikkostitwixxi żvilupp tad-disposizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jieħux parti [...] Ir-Renju Unit għaldaqstant mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhux marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu."

22 Skont l-Artikolu 1 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, huwa "jipprovdi għall-assenza ta' kontrolli fuq il-fruntiera ta' persuni li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri interni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea" u "jistabbilixxi regoli li jirregolaw il-kontroll fuq il-fruntiera ta' persuni li jkunu qed jaqsmu l-fruntieri esterni ta' l-Istati membri ta' l-Unjoni Ewropea".

23 Il-punti 1 u 2 tal-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"1) 'fruntieri interni' tfisser:
   a) il-fruntieri ta' l-art komuni, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, ta' l-Istati Membri;
   b) l-ajruporti ta' l-Istati Membri għal titjiriet interni;
   ċ) il-portijiet tal-baħar, tax-xmajjar u tal-lagi ta' l-Istati Membri għal kollegamenti regolari bi traġitt;

2) 'fruntieri esterni' tfisser il-fruntieri ta' l-art ta' l-Istati Membri, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, il-fruntieri marittimi u l-ajruporti, il-portijiet tax-xmajjar, tal-baħar u tal-lagi tagħhom, sakemm m'humiex fruntieri interni".

24 Taħt il-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, intitolat "Il-qsim ta' fruntieri esterni u l-kondizzjonijiet għad-dħul", l-Artikolu 4 ta' dan il-kodiċi, li min-naħa tiegħu huwa intitolat "Il-qsim ta' fruntieri esterni", jipprevedi:

"1. Il-fruntieri esterni jistgħu jinqasmu biss minn punti ta' qsim tal-fruntiera u waqt il-ħinijiet tal-ftuħ stabbiliti. Il-ħinijiet tal-ftuħ għandhom ikunu indikati b'mod ċar fil-punti ta' qsim tal-fruntiera li mhumiex miftuħa għal 24 siegħa kuljum.

[...]

3. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 jew għall-obbligi tagħhom ta' protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jintroduċu penali, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, għall-qsim mhux awtorizzat ta' fruntieri esterni f'postijiet li mhumiex punti ta' qsim jew f'ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."

25 Taħt l-imsemmi kapitolu, l-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, intitolat "Kondizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi", jipprevedi:

"1. Għal soġġorni li ma jeċċedux tliet xhur f'kull perijodu ta' sitt xhur, il-kondizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiż terz għandhom ikunu dawn li ġejjin:

a) ikunu fil-pussess ta' dokument jew dokumenti validi ta' vjaġġar li jawtorizzawhom jaqsmu l-fruntiera;

b) ikunu fil-pussess ta' viża valida, jekk meħtieġ [...], ħlief meta jkollhom permess ta' residenza validu;

ċ) jiġġustifikaw l-għan u l-kondizzjonijiet tas-soġġorn li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu u jkollhom mezzi biżżejjed ta' sussistenza, kemm għall-perijodu tas-soġġorn li jkunu bi ħsiebhom jagħmlu kif ukoll għar-ritorn lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom jew transitu lejn pajjiż terz fejn ikunu ċerti li ser jitħallew jidħlu, jew ikunu f'posizzjoni li jakkwistaw dawn il-mezzi legalment;

d) ma jkunux persuni li għalihom ikun inħareġ allert fis-[sistema ta' informazzjoni ta' Schengen (SIS)] sabiex jiġi miċħud id-dħul;

e) mhumiex meqjusa bħala theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' xi Stat Membru [...]

[...]

4. B'deroga mill-paragrafu 1:

a) Ċittadini ta' pajjiż terz li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet kollha għad-dħul imsemmija fil-paragrafu 1 iżda li jkollhom permess ta' residenza jew viża ta' dħul mill-ġdid maħruġa minn wieħed mill-Istati Membri jew, fejn meħtieġ, iż-żewġ dokumenti, għandhom jitħallew jidħlu fit-territorji ta' l-Istati Membri l-oħra għal finijiet ta' transitu sabiex ikunu jistgħu jaslu fit-territorju ta' l-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża ta' dħul mill-ġdid [...]

[...]

ċ) Ċittadin(i) ta' pajjiż terz li ma jissodisfawx xi kondizzjoni waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu awtorizzati minn xi Stat Membru biex jidħlu fit-territorju tiegħu għal raġunijiet umanitarji, għal raġunijiet ta' interess nazzjonali jew minħabba obbligi internazzjonali. [...]"

26 Taħt il-Kapitolu II tat-Titolu II tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, intitolat "Il-kontroll ta' fruntieri esterni u ċaħda tad-dħul", l-Artikolu 7 ta' dan il-kodiċi, huwa nnifsu intitolat "Verifiki fuq il-fruntiera fuq persuni f'punti ta' qsim tal-fruntiera", jipprevedi:

"1. Moviment trans-konfini fi fruntieri esterni għandu jkun soġġett għal verifiki mill-gwardji tal-fruntiera. Il-verifiki għandhom jitwettqu skond dan il-kapitolu.

[...]

3. Mad-dħul u l-ħruġ, ċittadini ta' pajjiżi terz għandhom ikunu soġġetti għal verifika bir-reqqa.

[...]"

27 Taħt l-imsemmi kapitolu, l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, intitolat "Ċaħda tad-dħul", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"1. Ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet ta' dħul kollha stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u li mhux wieħed mill-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 5(4) għandu jiġi mċaħħad milli jidħol fit-territorji ta' l-Istati Membri. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet speċjali dwar id-dritt ta' l-asil u l-protezzjoni internazzjonali jew il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn twil."

28 Skont l-Artikolu 20 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jagħmel parti mill-Kapitolu I tat-Titolu III ta' dan il-kodiċi, intitolat "Tneħħija ta' kontrolli fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni", il-fruntieri interni jistgħu jinqasmu minn kull punt mingħajr ma jsiru verifiki fuq il-fruntiera fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom.

29 Bis-saħħa tal-Artikolu 39(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jagħmel parti mit-Titolu IV ta' dan il-kodiċi, intitolat "Disposizzjonijiet finali", l-Artikoli 2 sa 8 tal-KFS tħassru mit-13 ta' Ottubru 2006. B'mod partikolari, il-kundizzjonijiet għad-dħul, li qabel kienu jinsabu fl-Artikolu 5(1) tal-KFS, ġew b'dan il-mod issostitwiti b'dawk stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-imsemmi kodiċi.

30 Wara d-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ġie emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1).

31 L-Artikolu 12 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif emendat bir-Regolament Nru 610/2013, intitolat "Sorveljanza fuq il-fruntiera", li jagħmel parti mill-Kapitolu II tat-Titolu II ta' dan il-kodiċi, intitolat "Il-kontroll ta' fruntieri esterni u ċaħda tad-dħul", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-għan ewlieni tas-sorveljanza tal-fruntieri għandu jkun biex ma jitħalliex li jsir il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità trans-konfinali u biex jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntiera b'mod illegali. Persuna li tkun qasmet fruntiera illegalment u li ma għandha l-ebda dritt tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi arrestata u ssir soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE."

*Id-dritt Franċiż*

Iċ-Ceseda

32 L-Artikolu L. 621-2 tal-Kodiċi dwar id-dħul u r-residenza tal-persuni barranin u d-dritt għall-ażil (iktar 'il quddiem, iċ-"Ceseda"), kif emendat permezz tal-Liġi Nru 2012-1560, tal-31 ta' Diċembru 2012, dwar id-detenzjoni sabiex issir il-verifika tad-dritt ta' residenza u li temenda r-reat ta' għajnuna għar-residenza irregolari sabiex teskludi minnu l-azzjonijiet umanitarji u diżinteressati (JORF tal-1 ta' Jannar 2013, p. 48, iktar 'il quddiem, il-"Liġi tal-31 ta' Diċembru 2012"), jipprevedi:

"Hija punibbli b'piena ta' priġunerija ta' sena u b'multa ta' EUR 3 750 il-persuna barranija li ma tkunx ċittadina ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea:

1° Jekk tkun daħlet fit-territorju metropolitan mingħajr ma tkun issodisfat il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti a, b jew ċ tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 tal-[Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen] u mingħajr ma tkun ġiet ammessa fit-territorju skont il-punti a u ċ tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 5

ta' dan l-istess regolament; l-istess jgħodd meta l-persuna barranija tkun is-suġġett ta' allert għall-finijiet ta' nuqqas ta' ammissjoni b'applikazzjoni ta' deċiżjoni eżekuttiva meħuda minn Stat ieħor li huwa parti mill-[KFS];

2° Jew jekk, bi provenjenza diretta mit-territorju ta' Stat li huwa parti għal din il-konvenzjoni, hija tkun daħlet fit-territorju metropolitan mingħajr ma tkun ikkonformat ruħha mar-rekwiżiti tal-Artikoli 19(1) jew (2), 20(1), u 21(1) jew (2) tagħha, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt e tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 tal-[Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen] u fil-punt d meta l-allert għall-finijiet ta' nuqqas ta' ammissjoni ma jirriżultax minn deċiżjoni eżekuttiva meħuda minn Stat ieħor li huwa parti mill-[KFS];

[...]

Għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-proċeduri kriminali jistgħu jinbdew biss meta l-fatti jkunu ġew ikkonstatati fiċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 53 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali."

Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali

33 Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, jipprevedi, fl-Artikolu 53 tiegħu:

"Huwa kklassifikat bħal delitt jew reat *in flagrante delicto* meta persuna tinqabad twettqu, jew meta jkun għadu kemm twettaq. Ikun hemm ukoll delitt jew reat *in flagrante delicto* meta, f'ħin viċin ħafna għall-azzjoni, il-persuna ssuspettata tkun segwita minn protesta qawwija mill-pubbliku, jew tinsab fil-pussess ta' oġġetti, jew turi traċċi jew indikazzjonijiet, li jagħtu x'tifhem li hija pparteċipat fid-delitt jew fir-reat.

Wara l-konstatazzjoni ta' delitt jew reat *in flagrante delicto*, l-investigazzjoni mmexxija taħt il-kontroll tal-prosekutur tar-Repubblika fil-kundizzjonijiet previsti f'dan il-kapitolu tista' titwettaq b'mod kontinwu matul perijodu ta' tmien tijiem.

[...]"

34 L-Artikolu 62-2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi:

"L-arrest preventiv huwa miżura restrittiva deċiża minn uffiċjal tal-pulizija, taħt il-kontroll ta' awtorità ġudizzjarja, li permezz tagħha persuna li fir-rigward tagħha jkun hemm raġuni jew raġunijiet plawżibbli li jiġi ssuspettat li hija wettqet jew ippruvat twettaq delitt jew reat punibbli b'piena ta' priġunerija tinżamm għad-dispożizzjoni tal-investigaturi."

[...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

35 Fit-22 ta' Marzu 2013, S. Affum, ta' nazzjonalità tal-Ghana, kienet is-suġġett ta' kontroll minn aġenti tal-pulizija Franċiża f'Coquelles (Franza), punt ta' dħul fiċ-Channel Tunnel, meta hija kienet f'autobus li ġej minn Gand (il-Belġju) u b'destinazzjoni għal Londra (ir-Renju Unit).

36 Wara li ppreżentat passaport Belġjan li jinkludi r-ritratt u l-isem ta' terz, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe dokument ta' identità jew ta' vvjaġġar ieħor f'isimha, hija tqiegħdet taħt arrest preventiv minħabba dħul irregolari fit-territorju Franċiż, abbażi tal-Artikolu L. 621-2, 2 taċ-Ceseda, kif emendat bil-liġi tal-13 ta' Diċembru 2012.

37 Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Marzu 2013, il-prefett ta' Pas-de-Calais, adit bis-sitwazzjoni amministrattiva ta' S. Affum sabiex jiddeċiedi dwar it-tneħħija eventwali tagħha mit-territorju Franċiż, iddeċieda li hija tiġi kkonsenjata lill-awtoritajiet Belġjani, sabiex terġa' tiġi ammessa mill-ġdid, abbażi tal-arranġament bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża, minn naħa, u l-Gvernijiet tar-Renju tal-Belġju, tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, min-naħa l-oħra, rigward it-teħid ta' responsabbiltà għal persuni fil-fruntieri komuni bejn Franza u t-territorji tal-Istati tal-Benelux, iffirmat f'Pariġi fis-16 ta' April 1964.

38 Bl-imsemmija deċiżjoni, il-prefett ta' Pas-de-Calais ordna t-tqegħid ta' S. Affum taħt detenzjoni amministrattiva f'bini li ma huwiex parti mill-amministrazzjoni penitenzjali għal perijodu ta' ħamest ijiem li jibda jgħodd mit-tmiem tal-arrest preventiv tagħha, sat-tneħħija tagħha.

39 Fis-27 ta' Marzu 2013, il-prefett ta' Pas-de-Calais talab quddiem il-juge des libertés et de la détention (imħallef għal-libertà u għad-detenzjoni) tat-Tribunal de grande instance de Lille (Franza) l-estensjoni ta' din id-detenzjoni, sakemm tingħata r-risposta mill-awtoritajiet Belġjani fuq it-talba tagħha għal ammissjoni mill-ġdid.

40 Fid-difiża tagħha, S. Affum sostniet li r-rikors tal-prefett ta' Pas-de-Calais kellu jiġi miċħud peress li t-tqegħid tagħha taħt arrest preventiv kien irregolari, fid-dawl b'mod partikolari tas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian (C-329/11, EU:C:2011:807), u tali irregolarità tivvizzja, skont id-dritt nazzjonali, il-proċedura kollha u hija ssanzjonata bir-rifjut tal-estensjoni tad-detenzjoni u t-tqegħid fil-libertà tal-persuna kkonċernata.

41 B'digriet tat-28 ta' Marzu 2013, il-juge des libertés et de la détention tat-tribunal de grande instance de Lille madankollu qies li l-miżura ta' arrest preventiv adottata fil-konfront ta' S. Affum kienet regolari u li t-tqegħid tagħha f'detenzjoni amministrattiva kien għaldaqstant seħħ wara proċedura regolari. Konsegwentement, il-juge des libertés et de la détention tat-tribunal de grande instance de Lille laqa' r-rikors tal-prefett ta' Pas-de-Calais u ordna l-estensjoni taż-żamma ta' S. Affum f'detenzjoni amministrattiva għal perijodu massimu ta' 20 jum li jibda jgħodd minn dak il-jum stess.

42 Dan id-digriet, li kien is-suġġett ta' appell minn S. Affum, ġie kkonfermat b'digriet tad-29 ta' Marzu 2013 tal-ewwel President tal-qorti ta' appell ta' Douai.

43 Fuq appell ta' kassazzjoni minn S. Affum kontra dan id-digriet imsemmi l-aħħar, il-Cour de cassation (Franza) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' Stat terz ikun f'residenza illegali [irregolari] fuq it-territorju ta' Stat Membru u jaqa', minħabba f'hekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, skont l-Artikolu 2(1) tagħha, meta dan il-barrani jkun jinsab f'sitwazzjoni ta' sempliċi transitu, bħala passiġġier ta' autobus li jiċċirkula fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, bi provenjenza minn Stat Membru ieħor, li jagħmel parti miż-żona Schengen, u b'destinazzjoni fi Stat Membru differenti?

2) L-Artikolu 6(3) ta' din id-direttiva għandu jiġi interpretat fis-sens li din tal-aħħar ma tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li trażżan id-dħul irregolari ta' ċittadin ta' Stat terz permezz ta' piena ta' priġunerija, meta l-barrani inkwistjoni jkun jista' jittieħed lura minn Stat Membru ieħor, skont ftehim jew arranġament konkluż ma' dan tal-aħħar qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2008/115?

3) Skont ir-risposta li ser tingħata għad-domanda preċedenti, din id-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li trażżan id-dħul irregolari ta' ċittadin ta' Stat terz b'piena ta' priġunerija, skont l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian [(C-329/11,

EU:C:2011:807)], dwar residenza illegali, fir-rigward tan-nuqqas li l-persuna kkonċernata tiġi suġġetta minn qabel għall-miżuri ta' impożizzjoni msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva u dwar it-tul tad-detenzjoni tagħha?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

44 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li l-kawża prinċipali tirrigwarda s-sitwazzjoni ta' ċittadina ta' pajjiż terz li daħlet b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru li jagħmel parti miż-żona Schengen minn fruntiera komuni ta' dan l-Istat u ta' Stat Membru ieħor li jagħmel ukoll parti minn din iż-żona, u li ġiet interċettata meta hija kienet qiegħda tħejji sabiex tmur fit-territorju ta' Stat Membru terz, li ma jagħmilx parti mill-imsemmija żona.

*Fuq l-ewwel domanda*

45 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz ikun f'residenza irregolari fit-territorju ta' Stat Membru u jaqa', minħabba f'hekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, meta, mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza, huwa jittranżita minn dan l-Istat Membru bħala passiġġier ta' autobus, bi provenjenza minn Stat Membru ieħor, li jagħmel parti miż-żona Schengen, u b'destinazzjoni fi Stat Membru terz li ma huwiex f'din iż-żona.

46 Il-partijiet ikkonċernati kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jaqblu li ċittadin ta' pajjiż terz ma huwiex eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 minħabba l-fatt biss li huwa jinsab f'tali sitwazzjoni ta' "sempliċi tranżitu" u huwa għalhekk preżenti fit-territorju tal-Istat Membru inkwistjoni b'mod temporanju jew tranżitorju biss.

47 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, l-Artikolu 2(1) tagħha jipprevedi li hija tapplika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu irregolarment fit-territorju ta' Stat Membru. Il-kunċett ta' "soġġorn illegali [residenza irregolari]" huwa ddefinit fl-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva bħala "il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru".

48 Minn din id-definizzjoni jirriżulta li kull ċittadin ta' pajjiż terz li huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza f'dan il-pajjiż ikun, b'dan il-fatt biss, f'residenza irregolari, mingħajr ma din il-preżenza tkun suġġetta għal kundizzjoni ta' perijodu minimu jew ta' intenzjoni li wieħed jibqa' f'dan it-territorju. Barra minn hekk, in-natura temporanja jew tranżitorja biss ta' tali preżenza lanqas ma tinsab fost ir-raġunijiet, elenkati fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2008/115, li abbażi tagħhom l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeskludu ċittadin ta' pajjiż terz f'residenza irregolari mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva.

49 Sa fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jivvjaġġa f'autobus fit-territorju ta' Stat Membru bi ksur tal-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza huwa preżenti fit-territorju ta' dan tal-aħħar, huwa jkun għalhekk f'residenza irregolari, fis-sens tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115, u jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, konformement mal-Artikolu 2 tagħha.

50 Għalhekk, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz ikun f'residenza irregolari fit-territorju ta' Stat Membru u jaqa', minħabba f'hekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, meta, mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza, huwa jittranżita minn dan l-Istat Membru bħala passiġġier ta' autobus, bi provenjenza minn Stat Membru ieħor, li jagħmel parti miż-żona Schengen, u b'destinazzjoni fi Stat Membru terz li ma huwiex f'din iż-żona.

*Fuq it-tieni u t-tielet domandi*

51 Permezz tat-tieni u tat-tielet domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2008/115 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li trażżan id-dħul irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz permezz ta' piena ta' priġunerija, li għalih il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva għadha ma ġietx applikata, u dan ukoll meta dan iċ-ċittadin ikun jista' jittieħed lura minn Stat Membru ieħor, skont ftehim jew arranġament fis-sens tal-Artikolu 6(3) tal-imsemmija direttiva. F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tistaqsi b'mod partikolari dwar ir-rilevanza tas-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian (C-329/11, EU:C:2011:807).

52 F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115 tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li trażżan ir-residenza irregolari permezz ta' sanzjonijiet kriminali, sa fejn din tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li, filwaqt li jkun jirrisjedi irregolarment fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru u ma jkunx lest jitlaq minn dan it-territorju volontarjament, ma jkunx ġie suġġett għall-miżuri restrittivi fis-sens tal-Artikolu 8 ta' din id-direttiva u, fil-każ ta' detenzjoni bil-ħsieb li tiġi ppreparata u mwettqa t-tneħħija tiegħu, ma jkunx laħaq l-iskadenza tat-tul massimu ta' tali detenzjoni (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punt 50).

53 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din id-direttiva ma tipprekludix detenzjoni amministrattiva għad-determinazzjoni tan-natura regolari jew le tar-residenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu b'diliġenza u jieħdu pożizzjoni mingħajr dewmien dwar ir-regolarità tar-residenza tal-persuna kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punti 29 sa 31).

54 Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li l-imsemmija direttiva lanqas ma tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li fir-rigward tiegħu ġiet applikata l-proċedura ta' ritorn stabbilita mill-istess direttiva u li jirrisjedi irregolarment fl-imsemmi territorju mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn tiegħu (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punt 50).

55 B'mod partikolari, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu L.621-1 taċ-Ceseda, fil-verżjoni tiegħu qabel l-emenda magħmula mil-liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, li kienet is-suġġett tal-imsemmija sentenza u li kienet tipprevedi piena ta' priġunerija għal kull ċittadin ta' pajjiż terz "li [jkun daħal] u [għex] fi Franza mingħajr ma [kellu d-dokumenti u l-viżi meħtieġa għad-dħul u, fil-każ ta' residenza li teċċedi t-tliet xhur, permess ta' residenza], jew li [baqa'] fi Franza lil hinn mit-terminu awtorizzat mill-viża [tiegħu]", il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li din tista' twassal għal priġunerija filwaqt li, skont l-istandards u l-proċeduri komuni stabbiliti fl-Artikoli 6, 8, 15 u 16 tad-Direttiva 2008/115, tali ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun suġġett għal proċedura ta' ritorn u jista', fir-rigward tat-privazzjoni tal-libertà, ikun suġġett l-iktar l-iktar għal detenzjoni (ara s-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punti 10, 11, 14 u 38).

56 Huwa stabbilit li, wara li ngħatat din is-sentenza, iċ-Ceseda ġie emendat bil-liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, li fost l-oħrajn ħassret ir-reat ta' residenza irregolari, filwaqt li żammet ir-reat ta' dħul irregolari. B'dan il-mod, l-Artikolu L. 621-1 taċ-Ceseda, li l-kontenut tiegħu tfakkar fil-punt

preċedenti, tħassar u l-Artikolu L. 621-2 taċ-Ceseda ġie emendat b'mod korrispondenti. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kompatibbiltà mad-Direttiva 2008/115 ta' dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu L. 621-2 taċ-Ceseda, kif emendat bil-Liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, li trażżan b'piena ta' priġunerija d-dħul irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz.

57 S. Affum, il-Gvern Ċek, dak Grieg, dak Ungeriż u dak Svizzeru, kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea jsostnu, essenzjalment, li l-interpretazzjoni pprovduta mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-imsemmija sentenza tista' tiġi trasposta għall-każijiet koperti mill-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali u li, barra minn hekk, ċittadin ta' pajjiż terz ikompli jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 anki meta huwa jittieħed lura, skont ftehim jew arranġament, fis-sens tal-Artikolu 6(3) tagħha, minn Stat Membru differenti minn dak li fih ġie arrestat.

58 Min-naħa l-oħra, skont il-Gvern Franċiż, mill-Artikolu 2(2)(a) u l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115, kif ukoll mill-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jirriżulta li dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija kompatibbli ma' din id-direttiva.

Fuq id-dħul irregolari fid-dawl tad-Direttiva 2008/115

59 Kemm mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "soġġorn illegali [residenza irregolari]" li jinsab fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115 u mfakkar fil-punt 47 ta' din is-sentenza, kif ukoll mill-premessa 5 ta' din id-direttiva, li skontha din hija applikabbli "għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul, soġġorn jew residenza", jirriżulta li ċittadin ta' stat terz li, wara d-dħul irregolari tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, huwa preżenti f'dan it-territorji mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza jkun jinsab, minħabba dan il-fatt, f'residenza irregolari.

60 B'dan il-mod, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115, il-kunċetti ta' "soġġorn illegali [residenza irregolari]" u ta' "dħul irregolari" għandhom rabta stretta bejniethom, għaliex tali dħul ikun jikkostitwixxi, fil-fatt, waħda miċ-ċirkustanzi ta' fatt li jistgħu jwasslu għar-residenza irregolari taċ-ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

61 Ladarba ċittadin ta' pajjiż terz li, bħal S. Affum, ikun daħal irregolarment fit-territorju ta' Stat Membru u li, minħabba f'hekk, jitqies li huwa residenti hemmhekk b'mod irregolari jaqa' għalhekk, skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115, u suġġett għal dan l-Artikolu 2(2), taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar, huwa għandu jkun suġġett għall-istandards u l-proċeduri komuni previsti minnha għat-tneħħija tiegħu, u dan sakemm ir-residenza ma tkunx, skont il-każ, irregolarizzata.

62 Issa, skont dawn l-istandards u proċeduri, tali ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun suġġett għal proċedura ta' ritorn, li l-ordni ta' eżekuzzjoni tal-istadji tagħha jikkorrispondi ma' gradazzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, u li tippermetti, fir-rigward tal-privazzjoni tal-libertà, mill-iktar id-detenzjoni f'ċentru speċjalizzat, li madankollu hija strettament irregolata, skont l-Artikoli 15 u 16 ta' din id-direttiva, bl-għan li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punti 41 u 42).

63 Għalhekk, għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian (C-329/11, EU:C:2011:807), l-Istati Membri ma jistgħux jippermettu, biss minħabba l-fatt tad-dħul irregolari, li jwassal għal residenza irregolari, il-priġunerija taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li għalihom il-proċedura ta' ritorn stabbilita mid-Direttiva 2008/115 għadha ma ġietx ikkompletata, peress li tali priġunerija tista' tfixkel l-applikazzjoni ta' din il-proċedura u ddewwem ir-ritorn, u b'hekk tippreġudika l-effettività ta' din id-direttiva.

64 Tali sitwazzjoni hija għalhekk distinta sew minn dik inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2015, Celaj (C-290/14, EU:C:2015:640), li fiha ċittadin ta' pajjiż terz f'residenza irregolari, li għalih ġew applikati l-istandards u l-proċeduri komuni stabbiliti permezz tad-Direttiva 2008/115 sabiex tintemm l-ewwel residenza irregolari tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, kien daħal mill-ġdid fit-territorju ta' dan l-Istat bi ksur ta' projbizzjoni ta' dħul.

65 Fl-aħħar nett, għandu jiġi speċifikat li d-Direttiva 2008/115 ma teskludix is-setgħa tal-Istati Membri li jrażżnu b'piena ta' priġunerija t-twettiq ta' reati differenti minn dawk marbuta mal-fatt biss ta' dħul irregolari, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn l-imsemmija proċedura tkun għadha ma ġietx ikkompletata.

66 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, huwa stabbilit li l-awtoritajiet Franċiżi għadhom ma bdewx il-proċedura ta' ritorn kif prevista mid-Direttiva 2008/115 fil-konfront ta' S. Affum.

67 Il-Gvern Franċiż iqis madankollu li l-Istati Membri għandhom, minn naħa, is-setgħa, skont l-Artikolu 2(2)(a) u l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115, li jeskludu mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha ċittadini ta' pajjiżi terzi li daħlu fit-territorju tagħhom irregolarment u, min-naħa l-oħra, l-obbligu, skont l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jipprevedu sanzjonijiet għal tali dħul irregolari.

Fuq l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115

68 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-direttiva għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ċaħda ta' dħul skont l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux kisbu sussegwentement awtorizzazzjoni jew id-dritt biex jirrisjedu fl-imsemmi Stat Membru.

69 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li ż-żewġ sitwazzjonijiet koperti minnha jirrigwardaw biss il-qsim ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru, kif iddefinita fl-Artikolu 2(2) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u għalhekk ma jirrigwardawx il-qsim ta' fruntiera komuni ta' Stati Membri li jagħmlu parti miż-żona Schengen. L-imsemmija dispożizzjoni ma tistax għalhekk tippermetti lill-Istati Membri jeskludu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza irregolari mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva minħabba d-dħul irregolari tagħhom minn fruntiera interna.

70 Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-ewwel waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, huwa stabbilit li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ċaħda ta' dħul konformement mal-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen biss iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jaqsmu fruntiera esterna sabiex jidħlu f'din iż-żona.

71 Fir-rigward tat-tieni waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet, mill-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta, sa fejn huwa jispeċifika li dawn iċ-ċittadini "ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru", jiġifieri dak li qasmu l-fruntiera esterna tiegħu u li ġew arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, li din is-sitwazzjoni tirrigwarda, bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, ukoll l-ipoteżi li fiha l-imsemmija ċittadini jkunu daħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat u mhux dik fejn huma fittxew li jitilqu minn dan it-territorju u miż-żona Schengen. Din l-ipoteżi msemmija l-aħħar tikkorrispondi, barra minn hekk, mal-għan ta' din id-direttiva, kif ikkonfermat mill-premessa 10 tagħha, li jikkonsisti f'li jiġi ppreferut it-tluq volontarju taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. It-tieni waħda mis-sitwazzjonijiet koperti mill-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 tirrifletti għalhekk dik li hija koperta mill-aħħar sentenza tal-Artikolu 12(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif emendat bir-Regolament Nru 610/2013.

72 Fl-aħħar nett, dejjem fir-rigward ta' din it-tieni sitwazzjoni, l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 jispeċifika li l-arrest jew l-interċezzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati għandu jseħħ "b'konnessjoni mal-qsim irregolari" ta' fruntiera esterna, li jimplika, bħalma jsostnu essenzjalment S. Affum, il-Gvern Grieg u l-Kummissjoni, u bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, rabta diretta fiż-żmien u fl-ispazju ma' dan il-qsim tal-fruntiera. Għalhekk ir-riferiment huwa għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti fil-mument stess tal-qsim irregolari tal-fruntiera esterna jew wara dan il-qsim viċin din il-fruntiera.

73 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 hija, kuntrarjament għal dik prevista fl-Artikolu 2(2)(b) tagħha, akkumpanjata b'ċerti obbligi li huma stabbiliti fl-Artikolu 4(4) ta' din id-direttiva.

74 Il-fatt li l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2008/115 jirregola għalhekk b'mod iddettaljat l-eżerċizzju mill-Istati Membri tas-setgħa prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tagħha huwa spjegat, bħalma esponiet il-Kummissjoni matul is-seduta, mill-għan ta' din id-dispożizzjoni msemmija l-aħħar, kif jirriżulta mill-proċess għall-adozzjoni ta' din id-direttiva, li jikkonsisti fil-fatt li l-Istati Membri jitħallew ikomplu japplikaw għall-fruntieri esterni tagħhom proċeduri ta' ritorn nazzjonali ssemplifikati, mingħajr ma jkollhom isegwu l-istadji kollha ta' proċeduri previsti mill-imsemmija direttiva, sabiex ikunu jistgħu jneħħu malajr kemm jista' jkun iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi interċettati waqt il-qsim ta' dawn il-fruntieri. L-imsemmi Artikolu 4(4) huwa intiż, f'dan il-kuntest, sabiex jiżgura li dawn il-proċeduri nazzjonali ssemplifikati josservaw il-garanziji minimi previsti mid-Direttiva 2008/115, li fosthom hemm, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 ta' din id-direttiva.

75 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, huwa stabbilit li S. Affum tpoġġiet f'arrest preventiv abbażi mhux tal-Artikolu L. 621-2, 1 taċ-Ceseda, kif emendat bil-Liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, li jipprevedi piena ta' priġunerija għad-dħul irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju Franċiż minn fruntiera esterna, iżda tal-Artikolu L. 621-2, 2 taċ-Ceseda, kif emendat bil-Liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, minħabba d-dħul irregolari tagħha f'dan it-territorju mill-fruntiera ta' bejn Franza u l-Belġju.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi ma huwiex meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk dispożizzjoni bħall-Artikolu L. 621-2, 1 taċ-Ceseda, kif emendat bil-Liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(2)(a) u tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2008/115.

77 F'dak li jirrigwarda l-Artikolu L. 621-2, 2 taċ-Ceseda, kif emendat bil-Liġi tal-31 ta' Diċembru 2012, li tissanzjona b'tali piena d-dħul irregolari ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi fit-territorju Franċiż minn fruntiera interna, għandu jitfakkar li, bħalma ġie rrilevat fil-punt 69 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 ma jistax jippermetti lill-Istati Membri jeskludu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu b'mod irregolari mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva minħabba d-dħul irregolari tagħhom minn fruntiera interna.

78 Fir-rigward tal-fatt li S. Affum ġiet interċettata u arrestata mhux fil-mument tad-dħul tagħha fit-territorju Franċiż minn fruntiera interna, iżda waqt it-tentattiv tagħha li titlaq minn dan it-territorju u miż-żona Schengen permezz taċ-Channel Tunnel, mill-punt 71 ta' din is-sentenza jirriżulta li dan il-fatt ma jistax, fi kwalunkwe każ, jeskludi lil din iċ-ċittadina ta' pajjiż terz b'residenza irregolari mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, skont l-Artikolu 2(2)(a) tagħha.

Fuq l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115

79 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-artikolu.

80 Skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115, l-Istati Membri jistgħu jastjenu milli jieħdu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz b'residenza irregolari fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skont ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva. F'dan il-każ, l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz għandu japplika l-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

81 Għandu jiġi kkonstatat li, bħalma sostna l-Gvern Franċiż u bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 77 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-arranġament imsemmi fil-punt 37 ta' din is-sentenza huwa assimilabbli għal "arranġamenti bilaterali", fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115, sa fejn, minkejja li konkluż minn erba' Stati Membri, huwa jqis it-territorju tal-Benelux bħala territorju uniku.

82 Madankollu, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Franċiż, l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2008/115 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li huwa jistabbilixxi eċċezzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, li tiżdied ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tagħha u li tippermetti lill-Istati Membri jeskludu mill-istandards u mill-proċeduri komuni ta' ritorn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza irregolari meta dawn jittieħdu lura, skont ftehim jew arranġament eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva, minn Stat Membru differenti minn dak li fih ġew arrestati.

83 Fil-fatt, bħalma jsostnu, essenzjalment, il-partijiet l-oħrajn kollha li ppreżentaw osservazzjonijiet f'din il-proċedura u bħalma rrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 75 u 76 tal-konklużjonijiet tiegħu, interpretazzjoni f'dan is-sens tmur kontra l-formulazzjoni tal-imsemmi Artikolu 6 kif ukoll tal-istruttura u tal-għan tad-Direttiva 2008/115.

84 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li mill-formulazzjoni tal-Artikolu 6(1) u (3) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li l-eċċezzjoni prevista f'dan l-Artikolu 6(3) tirrigwarda biss l-obbligu tal-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu jkun jinstab iċ-ċittadin inkwistjoni, li jadotta deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu u li b'hekk jieħu ħsieb it-tneħħija tiegħu, u dan l-obbligu jaqa' għalhekk, bħalma tispeċifika t-tieni sentenza tal-imsemmi Artikolu 6(3), fuq l-Istat Membru li jkun ħa lura dan iċ-ċittadin.

85 Din il-konstatazzjoni hija kkorroborata mill-istruttura tad-Direttiva 2008/115, għaliex l-imsemmija eċċezzjoni ma tagħmilx fil-fatt parti mid-derogi għall-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, li huma espressament previsti fl-Artikolu 2(2) tagħha.

86 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li, skont il-kliem u l-istruttura tad-Direttiva 2008/115, is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz b'residenza irregolari, li jittieħed lura, skont ftehim jew arranġament fis-sens tal-Artikolu 6(3) tagħha, minn Stat Membru differenti minn dak li fih ġie arrestat, tibqa' rregolata b'din id-direttiva u li l-Istat Membru li jiddeċiedi li jikkonsenjah lil Stat Membru ieħor skont din id-dispożizzjoni għandu jaġixxi fil-qafas tal-istandards u l-proċeduri komuni stabbiliti mill-imsemmija direttiva.

87 Peress li din id-deċiżjoni ta' konsenja tikkostitwixxi waħda mill-miżuri previsti mid-Direttiva 2008/115 sabiex tintemm ir-residenza irregolari taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u stadju ta' tħejjija għat-tneħħija tiegħu mit-territorju tal-Unjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu, fid-dawl tal-għanijiet ta' din id-direttiva, jadotta l-imsemmija deċiżjoni b'diliġenza u malajr kemm jista' jkun sabiex dan iċ-ċittadin jiġi ttrasferit mill-iktar fis lejn l-Istat Membru responsabbli għall-proċedura ta' ritorn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2011, Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punti 31 u 45, kif ukoll tal-15 ta' Frar 2016, N., C-601/15 PPU, EU:C:2016:84, punt 76).

88 Huwa ċar li l-fatt li tiġi imposta u eżegwita piena ta' priġunerija fuq l-imsemmi ċittadin qabel ma jiġi ttrasferit lejn dan l-Istat Membru tal-aħħar idewwem il-bidu ta' din il-proċedura u għalhekk it-tneħħija effettiva taċ-ċittadin ikkonċernat, li għalhekk jippreġudika l-effettività tal-imsemmija direttiva.

Fuq l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen

89 Skont l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-Istati Membri għandhom jintroduċu sanzjonijiet, skont id-dritt nazzjonali tagħhom, għall-qsim mhux awtorizzat ta' fruntieri esterni f'postijiet li ma humiex punti ta' qsim ta' fruntiera jew f'ħinijiet li ma humiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti. Dawn is-sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

90 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li din id-dispożizzjoni ma tobbligax lill-Istati Membri jistabbilixxu pieni ta' priġunerija għas-sitwazzjonijiet li hija tkopri, iżda tħallilhom l-għażla fir-rigward tas-sanzjonijiet li huma jixtieqū jadottaw, sakemm dawn is-sanzjonijiet ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Għalhekk, anki fis-sitwazzjonijiet li għalihom l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprevedi obbligu ta' sanzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jikkonformaw miegħu u fl-istess waqt josservaw l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2008/115. Il-fatt li dan l-Artikolu 4(3) bl-ebda mod ma huwa intiż sabiex jidderoga mill-istandards u mill-proċeduri komuni stabbiliti minn din id-direttiva huwa barra minn hekk espressament ikkonfermat fl-Artikolu 12(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, kif emendat bir-Regolament Nru 610/2013.

91 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jillimita l-obbligu għall-Istati Membri li jistabbilixxu sanzjonijiet biss "għall-qsim mhux awtorizzat ta' fruntieri esterni f'postijiet li mhumiex punti ta' qsim jew f'ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti" u li s-sitwazzjoni ta' S. Affum ma hijiex tali sitwazzjoni. Barra minn hekk, l-ebda dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen ma tipprevedi sanzjoni għall-każijiet li ma humiex koperti mill-imsemmi Artikolu 4(3), jiġifieri dawk ta' qsim ta' fruntieri mhux awtorizzat ta' fruntieri esterni f'postijiet li huma punti ta' qsim waqt il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti, kif ukoll dawk ta' qsim mhux awtorizzat ta' fruntieri interni.

92 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gvern Franċiż ma jistax jinvoka l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen sabiex jiġġustifika ksur tad-Direttiva 2008/115.

93 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta r-risposta għat-tieni u t-tielet domandi għandha tkun li d-Direttiva 2008/115 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti biss minħabba l-fatt tad-dħul irregolari minn fruntiera interna, li jwassal għal residenza irregolari, il-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li għalih il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva għadha ma ġietx ikkompletata. Din l-interpretazzjoni tapplika wkoll meta ċ-ċittadin ikkonċernat jista' jittieħed lura minn Stat Membru ieħor, skont ftehim jew arranġament fis-sens tal-Artikolu 6(3) tal-imsemmija direttiva.

**Fuq l-ispejjeż**

94 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115/KE, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz ikun f'residenza irregolari fit-territorju ta' Stat Membru u jaqa', minħabba f'hekk, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, meta, mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza , huwa**

**jittranżita minn dan l-Istat Membru bħala passiġġier ta' autobus, bi provenjenza minn Stat Membru ieħor, li jagħmel parti miż-żona Schengen, u b'destinazzjoni fi Stat Membru terz li ma huwiex f'din iż-żona.**

2) **Id-Direttiva 2008/115 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti biss minħabba l-fatt tad-dħul irregolari minn fruntiera interna, li jwassal għal residenza irregolari, il-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li għalih il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva għadha ma ġietx ikkompletata.**

**Din l-interpretazzjoni tapplika wkoll meta ċ-ċittadin ikkonċernat jista' jittieħed lura minn Stat Membru ieħor, skont ftehim jew arranġament fis-sens tal-Artikolu 6(3) tal-imsemmija direttiva.**

Firem